**<u>STQARRIJA MILL-MINISTERU GĦALL-FAMILJA, DRITTIJIET TAT-TFAL U SOLIDARJETÀ SOĊJALI</u>**

Fid-dawl tat-tibdil fl-infrastruttura tas-sistema tal-informatika tal-Bank of Valletta li tħabbret il-bieraħ, il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali jixtieq javża li d-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali għamel l-arranġamenti meħtieġa biex il-benefiċjarji tad-Dipartiment, jitħallsu l-pagamenti dovuti qabel il-perjodu li l-Bank of Valletta mhux se jkun qiegħed joffri servizzi mill-fergħat tiegħu.

Il-Ministeru jixtieq javża li saru arranġamenti biex dawk il-pensjonijiet tas-Sigurtà Soċjali li jitħallsu permezz ta' ċekk u li huma dovuti fit-28 ta' Diċembru 2019, dawn l-istess ċekkijiet se jkunu datati 24 ta' Diċembru 2019 jiġifieri erbat ijiem qabel id-data proprja, u se jintbagħtu fiż-żmien opportun biex ikunu jistgħu jissarrfu mill-24 ta' Diċembru 'il quddiem minn kull bank, inkluż il-Bank of Valletta.

Il-pagamenti kollha li jsiru permezz ta' depożitu fil-kont bankarju se jkunu wkoll ipproċessati biex jitħallsu fl-24 ta' Diċembru 2019 bi ftehim mal-Bank Ċentrali ta' Malta minħabba li l-25 ta' Diċembru hija festa pubblika u s-26 ta' Diċembru hija btala bankarja.

L-uniku pagamenti li mhux se jkun hemm tibdil fihom huma dawk ta' benefiċċji li jiġu pproċessati u mħallsa kull ġimgħa u mhux kull 4 ġimgħat. Dan minħabba li m'huwiex possibbli li l-pagament ta' durata hekk qasira jiġi antiċipat u għalhekk il-ħlas se jkun datat 28 ta' Diċembru 2019.

Għalhekk dawn il-benefiċjarji, jekk jitħallsu b'ċekk u jekk isarrfuh f'xi fergħa tal-Bank of Valletta, huma mħeġġa biex dakinhar tat-28 ta' Diċembru 2019 jinnutaw il-ħinijiet tal-ftuħ tal-fergħat tal-bank.

Għal aktar informazzjoni dwar kif se jsiru l-pagamenti imsemmija wieħed jista' iċempel 153 waqt li dwar kif se joperaw is-servizzi tal-Bank of Valletta wieħed għandu jagħmel kuntatt mal-*call centre* tal-bank.